IL-BIRGU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 12

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Laurence Manicaro – Accountant tal-Kunsill

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

## 12.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti ma kien hemm ittri ta` apologija.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretajru Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 8(08), 9(08), 10(08), fejn dawn gew approvati b'mod unanimu.

## 12.4 Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart (Jan-Sett 2019)

Is-Sindku talab l-approvazzjoni ta' dawk prezenti sabiex is-Sur Laurence Manicaro, l-accoutant tal-Kunsill jaghti spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' kull kwart (Jannar - Settembru 2019). Is-Sur Manicaro spjega li matul dan il-perjodu, l-Kunsill ghamel surlpus ta' tmien ewro, fejn dan ifisser li l-infiq u dhul tal-Kunsill jinsab fl-istess ilma. Il-financial indicator baqa' wiehed pozittiv dak ta' 12%.

**<u>Punti Mqajjma mill-Minuti</u>**

12.2.1 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jibghat korrispondenza lill-Infrastructre Malta sabiex jinghata parir mill-periti qabel ma tittiehed decizjoni minn naha tal-Kunsill biex jicaqlaq il-parkegg ta` Triq il-Mina l-Kbira *(Minuti 8(08) 8.2.14)*

12.2.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-prezentazzjoni tar-recycle bins gewwa l-iskola primarja tal-Birgu saret u li ghaliha attendew il-Ministru Evarist Bartolo u l-Ministru Jose Herrera. Dwar l-inizjattiva tal-bread bags, is-Sindku propona li flimkien mall-Bread bags, il-Kunsill iqassam ukoll il-basktijiet tad-drapp. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li l-inizjattiva hija fuq it-tqassim tal-bread bags u ghalhekk il-basktijiet ta'drapp ghandhom jintuzaw jew jigu mqassma darb'ohra. Wara diskussjoni gie deciz li jitqassmu biss il-bread bags minhabba kwistjoni ta' flus u aktar spejjez. *(Minuti 10(08) 10.3.8)*

12.2.3 Is-Sur Anton Gellel qal li hija ingustizzja li jkun hemm stalls li jkunu mikrijin u ma hallsux l- erbgha mitt ewro. Is -Sindku qal li dan sar minghajr mall-Kunsill ma kien jaf. *(Minuti 10(08) 10.5.2)*

12.2.4 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li dokumenti relatati mall-proposta tal-Kapitlu biex il-wesgha li hemm fejn il-Knisja ta' San Lawrenz u l-Oratorju tinatghalha isem iehor. Is-Sindku zied jghid li l-isem li ser jinghata ser ikun Wesghat il-Kolleggjata 1820 u dan wara l-parir li nghata mill-Kumitat tal-Ismijiet ta' Toroq. *(Minuti 10(08) 10.3.18)*

12.2.5 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li gew ordanti l-bnadar tal-Kollegjata u dawk Maltin. Is-Sindku kompla billi qal li l-kwotazzjoni tal-Inguardja biex tingieb dakinhar tal-okazzjoni taz-zjara tal-Kardinal giet tiswa elfejn ewro. Is-Sindku qal li ser jitkellem mall-MTA dwar dan. *(Minuti 10(08) 10.3.3)*

18:50hr Inghaqad fil-laqgha s-Sur Trevor Mizzi.

12.2.7 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li nies li ser jigu ospitati mill-belt ta' Vignanello ser ikunu erbgha biss u mhux tletin u dan ghal fatt li l-budget allokat ma kienx ser iservi biex jigi allogjati dawn id-delegati kollha matul iz-zjara taghhom fil-Birgu. Il-Kunsill approva unanimament dak propost. (Minuti 10(08) 10.3.7)

12.2.8 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li s-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz qablet li ghal matul l-attivita tal-Birgufest jdoqqu s-Sibt flok il-Gimgha. *(Minuti 10(08) 10.3.10)*

**12.3 Korrispondenza**

12.3.1 Giet prezentata korrispondenza li rcivejna mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar skema ta` irrigazzjoni fejn gejna nfurmati li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jibenifika minn €12,434.31.

12.3.2 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li laqgha generali li jmiss tal-Assocjazzjoni AVEC ser ssir fil-Birgu bejn is-26 u 28 ta` Frar. Is-Sur Boxall zied jghid li minn naha tal-Kunsill diga` bdew it-thejjijiet ghal din il-konferenza.

12.3.3 Giet prezentata korrispondenza dwar il-laghqa generali tal-progett tal-Gimgha Mqaddsa fejn din ser issir f`Madrid bejn it-22 u l-24 ta` Jannar 2020. Is-Sindku propona li ghal din il-konferenza jattendu s-Sur Anton Gellel, Kunsillier u

s-Sur George Agius, rapprezentant mis-Socjeta tal-MUSEUM. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

12.3.4 Prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-Kap tal-Iskola tal-Kullegg Sekondarja tal-Verdala dwar proposta biex isir progett bejn l-iskola Verdala u l-Kunsill Lokal biex l-Kunsill jista` jghin studenta li tattendi f`dan il-Kullegg u li hi mill-Birgu tippublika ktieb bil-poeziji li tikteb hija stess. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament li jghin wara li jigu kkunsidrati x-xoghlijiet ta` din l-istudenti minn esperti f`dan il-qasam.

12.3.5 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill kiteb ittra lill-Ministru Jose Herrera dwar il-progett tal-Glaziz, biex il-Kunsill ikun jaf xi pjanijiet hemm biex jibda dan il-progett.

12.3.6 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li wara li l-Kunsill applika biex jiehu l-fondi tal-LESA mall-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ghall-attivita tal-Birgufest 2020, il-Kunsill gie nfurmar li ser jiehu somma ta` €3,714.64.

12.3.7 Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li l-ittra li kienet intbghatet minn naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ir-responsabilitajiet tal-kunsilliera fuq is-settur tal-Kultura, is-Sindku wiegeb ghal din l-ittra kif kien gie deciz fil-laqgha tal-Kunsill fejn jidher li decizjoni giet acettata.

12.3.8 Prezentata ittra li intbghatet lis-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes dwar binja abandunata fi Triq l-Antika li qed tkun ta` periklu ghal min jghix u jghaddi minn hemm.

12.3.9 Prezentata Revoka ta' Direttiva Numru 4/2019 - Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali

12.3.10 Prezentata mailshot li ntbghatet lir-residenti dwar jekk jafux b`xi gibjuni li hawn fil-lokalita.

12.3.11 Prezentati l-kwotazzjonijiet ghall-assigurazzjoni tal-van tal-elettriku, fejn is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-irhas kwotazzjoni kienet tal-MAPFRE Middlesea. Is-Sindku zied jghid li assigurazzjoni hija full comprehensive. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

12.3.12 Prezentata ittra li ntbghatet dwar l-estenzjoni tal-AUM gewwa l-Kottoenra.

12.3.13 Giet moqrija korrispondenza dwar 5K run li ser tigi organizzata b`Risq il-Community Chest Fund nhar l-Erbgha 4 ta` Dicembru 2019 fil-Kottonera. Il-Kunsill ma jsib l-ebda ogezzjoni dwar din l-attivita.

12.3.14 Prezentata korrispondenza dwar parkegg riservat fi Triq Posta Sagra Infermerija, fejn il-Kunsill qed jaghmel din it-talba biex jigi pparkjat il-van tal-elettriku li ser ikollu l-Kunsill fil-granet li gejjin, fejn il-Kunsill gie mgharraf minn Transport Malta li ser jinghata l-permess u li xoghol irid isir mill-Kunsill.

12.3.15 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet lid-Dipartiment tal-Artijiet, lis-Supretendenza u lir-Restoration Unit dwar bieb mbarrat f`Couvre Porte, fejn il-Kunsill qed jitlob sabiex jinghatalhu l-permess biex kun jista` jiftah dan il-bieb imbarrat biex jekk jinstab li hemm xi kamra li tista` tkun ta` uzu ghall-Kunsill, l-istess Kunsill ikun jista` jitlob ghad-devoluzzjoni taghha.

12.3.16 Prezentat Cirk AKL 2019/134 Invit mibghut mill-President tal-Kungress Ewropew indirizzat lill-Kunsilliera zghazagh ta` bejn it-18 u 30 sena biex jattendu ghal-Kungress ta` Marzu u Ottubru 2020.

12.3.17 Prezentata c-CV tas-Sur Christopher Busuttil, fejn il-Kunsill gie infurmat mill-Jobsplus biex jahdem mall-Kunsill Lokali tal-Birgu taht l-iskema tac-CIES. Il-Kunsill qabel li ssir intervista lis-Sur Busuttil biex umbghad tittiehed id-decizjoni.

12.3.18 Prezentata l-kwotazzjoni tat-tracking system biex tigi nstallata mall-krieret tal-kenniesa. Il-kwotazzjoni tammonta ghall-€353.12 vat inkluz. Dawk prezenti approvaw din il-kwotazzjoni.

12.3.19 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li waqt il-laqgha li saret mall-avukat tal-Kunsill u ma` rapprezentanti tas-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz dwar il-kirja tal-garaxx tal-Kunsill, is-Sindku propona li l-kuntratt isir ghal 4 snin biex b`hekk il-Kuntratt jigi terminat ma` din il-legislatura. Dwar il-hsarat li saru fil-garaxx, l-avukat tah parir li l-kera ghandha tikumpensa ghall-hsarat li saru.

12.3.20 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand il-Kunsill ta` Ghajnsielem fejn stiednu lill-Kunsill tal-Birgu biex proprja mil-lokalita' tal-Birgu tibda l-migja ta` li t-Tlett Magi billi jaqsmu lejn il-Port il-Kbir fuq dghajsa u ghall-Ghawdex. Id-data proponuta hija l-4 ta` Jannar 2020. Is-Sindku talab sabiex is-Sur Anton Gellel, Kunsillier jiehu hsieb din l-attivita.

12.3.21 Prezentata ittra li giet mibughta mill-Prince of Wales Own dwar il-kwistjoni li l-banda tas-Socejta Muzikali Banda San Lawrenz kienet mistiedna mill-Kunsill Lokali tal-Birgu biex idoqq fil-festa ta` Bormla. Il-Kunsill qabel li l-banda mhux ser idoqq biex b`hekk ma jkunx qed issir l-ebda insult u azzjoni lejn hadd.

12.3.22 Prezentat l-overtime tal-haddiema tal-CWES ghax-xahar ta` Novembru 2019. Dan giet approvat minn dawk prezenti.

12.3.23 Prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill ghax-xahar ta` Novembru 2019, liema overtime gie approvat minn dawk prezenti.

12.3.24 Giet ipprezentata lista ta` pagamenti tal-Petty Cash ghax-xahar ta` Novembru 2019, liema lista giet approvata minn dawk prezenti.

12.3.25 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat l-performance bonus tal-impjegati klerikali tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unaninament l-performance bonus tal-impjegati.

**12.5 Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv**

Is-Sindku talab sabiex is-Segretarju Ezekuttiv ghal laqgha li jmiss tipprezenta lista tal-pool tas-Segretarju Ezekuttivi prospettivi u dan sabiex tigi deciza il-persuna li ser tokkupa din il-kariga. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**12.6 Van ghall-Anzjani**

12.6.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill wasal fl-ahhar stadju biex ikollu ghandu l-van ghall-anzjani wara li rikjesta ghad-Direct Order giet miqlugha mill-Ministru. Is-Sur Boxall zied jghid li l-van ser ikun ghand il-Kunsill ghall-ahhar ta` din is-sena. Is-Sindku kompla billi qal li tkellem ma` haddiem mill-CWES sabiex ikun huwa responsabbli mill-van biex iwassal lill-anzjani ghal bzonnijiet taghhom.

**12.7 Gemellagg mall-belt ta` Parisot fi Franza**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li dwar dan il-gemellagg qed ikun xi tahdiet ma` Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jinbeda l-process ghall-iffirmar ta` dan il-gemellagg.

**12.8 Komunikazzjoni mis-Sindku**

12.8.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill talab lill-MTA sabiex jgin finanzjarjament lill-Kunsill sabiex issiru A4 brochures folded bl-informazzjoni fuq il-lokalita tal-Birgu. Il-Kunsill talaba sabiex isiru ghoxrin elf kopja. MTA ser tiehu hsieb tiffinanzja dan il-progett.

12.8.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ghandu bzonn jixtri pallitizer u dan sabiex jiffacilita aktar ix-xoghol li qed isir fil-garaxx tal-istess Kunsill. Is-Sindku qal li ser jingiebu l-kwotazzjonijiet sabiex ikun jista` jinxtara. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

12.8.3 Is-Sindku pprezenta d-disinn tal-bandalori li ser ssiru fis-sala tal-fuq tal-Berga ta` Franza, fejn wahda minnhom ser tirraprezenta l-arma tal-Birgu, ohra l-fleur de lys, bandiera ta` Malta u l-ahhar wahda tal-kavallieri. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill mhux ser johrog spejjez ghalihom.

12.8.4 Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill kiteb ittra lill-Ambaxxatrici Vanessa Frazier sabiex tingieb il-gradilja ta' San Lawrenz minn Ruma gewwa l-Birgu fl-okkazzjoni tal-120 sena Kolleggjata tal-Parrocca ta` San Lawrenz.

**12.9 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

12.9.1 Is-Sur Anton Gellel informa lil dawk prezenti li zona ta` Couvre Porte tinsab mitfija.

**12.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta`pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 5165 sa` BOV 5225, fejn cekk numru BOV 5201 gie kkancellat, kif ukoll ic-cekk bin-numri HSBC 9810. Saru ukoll erbgha bank transfers mill-kont tal-BOV. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 6 ta` Novembru sat-2 ta` Dicembru 2019.

**12.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8.30pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 17 ta` Dicembru 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum 17 ta` Dicembru 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |